# Profili: Surmastrijiet Diretturi
## Banda Żejtun

### Mro. Onorato Gauci
### 1930-1931

L-ewwel Surmast li kellha l-Banda dak iż-żmien **iż-Żejtun Jazz Band** kien is-Surmast Onorato Gauci.

Kienet fis-seduta tat-**22 ta' Mejju 1930** meta Salvu Pace resaq talba biex il-Kumitat jaħtar Direttur għall-banda. Huwa għalhekk ippropona lis-Surmast Onorat Gauci biex ikun is-Surmast Direttur.

Is-Surmast Onorato Gauci dam sas-sena 1931.

### Is-Surmast Ġużeppi Maria Dalli
### 1931-1939

Is-Surmast Ġużeppi Maria Dalli twieled fl-1881 ġewwa Benghazi fejn Missieru Vincenzo kien jaħdem mas-Servizzi Ingliżi.

Huwa tgħallem il-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Beland fejn kien idoqq il-kornu. Kien ukoll Assistent Surmast.

Meta fil-bidu tas-snin 30 saret firda fi ħdan il-Banda Beland, is-Surmast Ġużeppi Maria Dalli ħa t-tmexxija tal-Banda Żejtun. Dan kien fl-1931. Nistgħu ngħidu li s-Surmast G.M. Dalli kien l-ewwel Surmast Direttur tal-Banda Żejtun peress li kien nhar l-20 ta' Settembru 1933 li twaqqfet l-Għaqda Banda Żejtun. Is-Surmast G.M. Dalli kkompona marċi brijużi kif ukoll funebri. L-iżjed marċ funebri magħruf hu ddedikat lil ommu bl-isem ***A Mia Madrè***. Fost xogħlijiet oħra kkompona wkoll il-Marcia Sinfonika ***La Libertà*** li ndaqqet fl-**ewwel** programm li għamlet iż-Żejtun Band fis-17 ta' Settembru 1933.

Is-Surmast Ġużeppi Maria Dalli miet iż-Żejtun fl-1948.

### Mro. Hector H. Dalli
### 1939-1952

Hector H. Dalli twieled iż-Żejtun nhar it-18 ta' Ġunju 1914, bin Ġużeppi Maria Dalli (l-ewwel surmast) u Evanġelista. Hector kien pjanista tajjeb u kien jakkumpanja bil-pjanu waqt il-*films silent*. Meta twaqqfet il-Banda Żejtun fl-1930, Hector Dalli ngħaqad mal-banda flimkien ma' missieru fejn kien ukoll Assistent Surmast. Hector Dalli studja taħt missieru u wara kompla fl-istudju ta' l-armonija kontrapunt u orkestrazzjoni taħt Mro. Casapinta.

Fl-1939 ġab l-A. Mus. L.C.M.

Hector Dalli nħatar Surmast Direttur tal-Banda Żejtun f'April 1939.

Il-baned li Hector Dalli dderieġa kienu:

| | |
|---|---|
| **Il-Banda Żejtun** | **1939-1952** |
| Il-Banda San Lawrenz, Birgu | 1952-1980 |
| Il-Banda Beland | 1955-1980 |

Hector Dalli kkompona numru kbir ta' marċi ferm popolari kemm brijużi u kemm funebri. Fost il-marċi brijużi nsibu l-***Victory*** u l-***Putatta***.

Ikkompona wkoll: *Preludio in Re Minore*, *Innu San Lawrenz għall-Banda – Kor – Tenur u Baritonu* u Poema Sinfonika *Song of Anna*.

Hector Dalli miet nhar l-1 ta' Novembru 1980.

### Mro. Edgar Lowell
### 1952-1976

Imwieled il-Ħamrun, tħarreġ fil-klarinett ta' età żgħira għal sitt snin, taħt Giorgio Compagno. Fis-sena 1925 ingħaqad ma' l-orkestra tat-Teatru Rjal bħala klarinettista.

Is-Surmast Lowell tħarreġ ukoll f'armonija u strumentazzjoni għand is-Surmast Ġużeppi Stivala u Carmelo Pace.

Fis-sena 1938 inħatar Assistent Surmast tal-Banda Nazzjonali La Valette.

Kien ukoll surmast ta' allievi f'din l-istess Soċjetà, kariga li żamm sas-sena 1976. Bejn l-1968 u l-1970 is-Surmast Lowell għamilha ta' Aġent Direttur tal-Banda Nazzjonali La Valette, waqt li mis-sena 1952 sa l-1976 kien Surmast Direttur tal-Banda Żejtun.

Mill-1958 sa l-1970 kien Surmast Direttur tal-Banda La Stella ta' Għawdex.

Is-Surmast Edgar Lowell miet nhar il-11 ta' Frar 1991.



Onorato Gauci
*1930-1931*



Ġużeppi Marija Dalli
*1931-1939*



Hector Dalli
*1939-1952*



Edgar Lowell
*1952-1976*



Pawlu Buttigieg
*1976-1978*



Joseph M. Barbara
*1978-1984*



John J. Pace
*1984-*

### Mro. Paul Buttigieg
### 1976-1978

Il-ħames Surmast Direttur tal-Banda Żejtun kien Mro.

Paul Buttigieg, li ħa l-kariga fl-1976 u dam sa l-1978.

Is-Surmast Paul Buttigieg twieled il-Birgu nhar it-12 ta' Ottubru 1935.

Fl-1963 sar Assistent Surmast tal-Banda Maria Mater Gratiae. Fl-1971 kiseb id-Diploma A. Mus. L.C.M.

Kien ukoll Surmast Direttur mal-Banda Maria Annunzjata Tarxien fl-1975. Matul dan iż-żmien ikkompona diversi xogħlijiet fosthom:

| | |
|---|---|
| Marcia Sinfonika *Musica Est Vita* | 1970 |
| Innu Marcia *Santa Katerina V.M.* versi: G. Camilleri | 1975 |
| Marcia Sinfonika *La Speranza* | 1983 |
| Preludio in FA Maggiore | 1988 |
| Marcia Sinfonika *Aria di Festa* | 1997 |
| Sosatina in Si Bimoll Maggiore | 2002 |
| Sinfonija *Is-70 Anniversarju tal-Banda Żejtun* | 2003 |

## Mro. Joseph M. Barbara
## 1978-1984

Mro. Joseph M. Barbara twieled Marsaxlokk nhar it-13 ta' April 1916, iżda ta' sentejn il-famija tiegħu telgħet iż-Żejtun fejn baqa' joqgħod.

Huwa beda l-karriera mużikali tiegħu bħala alliev u bandist mal-Banda Beland.

Is-Surmast Barbara beda jistudja t-teorija taħt is-Surmast Jimmy Worley u l-armonija u kontrapunt taħt is-Surmast Vincenzo Costa. Fl-1945 inħatar Surmast Direttur tal-Banda Santa Marija, Għaxaq. Fl-1960 inħatar Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp, Għaxaq. Kien Surmast Direttur ukoll tal-baned:

| | |
|---|---|
| Il-Banda Trinità Qaddisa, Marsa | 1956 |
| Il-Banda Żejtun | 1978 |

Is-Surmast Joseph M. Barbara kkompona diversi xogħlijiet fosthom marċi brijużi u funebri kif ukoll xogħlijiet oħra bħal:

| | |
|---|---|
| *Innu Santa Katerina V.M. għall-Banda – Kor – Tenur u Baxx* | 1980 |
| *Innu lis-Ssma. Trinità Qaddisa għall-Banda – Kor – Tenur u Baxx* | 1957 |
| Fantasia in Mi bomol Minore għall-Klarinett | |
| Overtures *Odette-Persiciaria* u *Madame D'Honeur* | |
| Sinfonija *El-Dorado* | |

## Mro. John J. Pace
## 1984-

John J. Pace twieled fil-31 ta' Jannar 1945 u ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kullegg De La Salle, Kottonera. Miżżewweġ lil Grace née Mumford u għandhom zewġ subien.

Beda l-karriera mużikali tiegħu meta kellu biss ħdax-il sena mas-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar. Fl-1971 fl-età ta' 26 sena nħatar Ass. Surmast u fl-istess sena ġie magħżul ukoll Ass. Surmast fil-każin Lily Band ta' l-Imqabba.

Is-Surmast Pace ħa kors ta' ħames snin fl-armonija avvanzata u kuntrapunt taħt il-mibki Surmast Carmelo Pace, iżda ħa t-teknika kollha li tirrikjedi banda taħt is-Surmast Carmelo Caruana li kien Surmast tal-Banda King's Own tal-Belt.

John J. Pace kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda Santa Marija ta' Ħal-Għaxaq (22 sena), tal-Banda Annunzjata ta' Ħal-Tarxien(10 snin), tal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar (10 snin), tal-Banda Prince of Whales tal-Birgu (10 snin), tal-Banda San Ġużepp tal-Kalkara (16-il sena) u tal-Banda Stella Maris ta' Sliema (12-il sena). F'Marzu 1984, Dr. Alex Sciberras Trigona, dak iż-żmien Ministru tal-Kultura uffiċjalment ħatru Surmast Direttur tal-Banda Nazzjonali, kariga li żamm sakemm din il-Banda Nazzjonali twaqqfet tiffunzjona fl-1992.

Mro. Pace kien mistieden bħala guest conductor ma' diversi baned Maltin u barranin. Kien ukoll Maestro di Cappella fil-Paroċċa ta' Ħaż-Żabbar u flimkien ma' Dun Ġużepp Ellul mexxa l-kor Notre Dame għal diversi snin.

Fil-preżent John J. Pace hu Surmast Direttur tal-Banda Żejtun (23 sena) u tal-Banda Sant'Anna f'Wied il-Għajn (12-il sena).

Is-Surmast Pace ikkompona bosta marċi kemm festivi kif ukoll sinfoniċi waħda minnhom korali għal erba' vuċijiet, soprano, tenur u Baritono. Sinfonija oħra 'Senza Frontiere' kienet imsemmija b'ġieħ fit-tieni konkors Riccardo Zandonai f'Rovereto Trento, l-Italja f'Mejju tal-1986.

Dan l-aħħar ukoll ikkompona sinfonija oħra '25 Sena President' b'dedika lis-Sur Joe N. Attard President ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Is-sena l-oħra fl-għeluq il-1700 sena mill-martirju ta' Santa Katerina ikkompona 'Talba lil Santa Katerina ta' Lixandra' għall-Mezzo Sopran u kor ta' 4 vuċijiet.

Bħala arranġatur mużikali, fost diversi xogħlijiet insibu l-Innu l-Kbir lil Santa Katerina, mużika ta' Carlo Diacono u versi ta' Trevor Zahra kif ukoll l-Antifona magħrufa tas-Surmast Ferdinando Camilleri lill-Madonna taħt it-titlu Stella Maris. Xogħol ieħor huwa 'Innu Grandjuż lil San Duminku tal-Birgu' li kien beda s-Surmast Paċifiku Scicluna.

Mro J.J. Pace għamel parti mill-ġurija f'diversi festivals li jsiru f'Malta. Kien organizzatur ewlieni tal-festival 'Rebbieħ tar-Rebbieħa' li kien jittellgħa kull sena mill-Kunsill ċiviku ta' Ħaż-Żabbar u għal 6 snin kien membru fil-Kumitat tal-Kanzunetta għall-Ewropa (1989-1994).

Għal dawn l-aħħar sentejn u nofs ingħaqad mal-voluntiera ta' Radju Hompesch u kull nhar ta' Ħadd jippreżenta programm ta' marċi li jdum sagħtejn, kif ukoll sensiela ta' programmi 'Mumenti Klassiċi' nhar ta' Tnejn.

Bħala professjoni kien qualified nurse, beda fl-1965 fl-isptar San Vinċenz de Paule fejn dam 20 sena. Fl-1985 kien issekondat fid-Dipartiment tal-Kultura u ħadem bħala Cultural Organiser sa l-1994. F'Marzu 1994 reġa' ġie msejjaħ lura biex jaħdem fl-Out Patient Department fl-Isptar San Luqa fejn dam sas-sena 2004.

John Pace hu Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u huwa Chairman tas-Sotto Kumitat, Arti u Attivitajiet Soċjali u responsabbli ukoll mill-Gwardjani Lokali. Huwa Chairman ukoll tas-Sotto Kumitat tas-Saħħa.

John J. Pace huwa membru fil-Kunsill Ċiviku ta Ħaż-Żabbar li ilu mwaqqaf mill-1991.